# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 382/2018 MH**

**Illum, 3 ta' Diċembru, 2018**

**Avv. Mark Attard Montalto (I.D. 220073M) u Avv. Anthony Sammut (I.D. 17274M) bħala mandatarji speċjali tas-soċjeta' estera Taljana Teknowool Adriatico Srl (AN-205001)**

**vs**

**Steel Structures Limited (C 4192)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi nomine tal-24 ta' April 2018** li permezz tiegħu esponew:

1. *"Illi fuq ordnijiet tas-soċjeta' intimata, is-soċjeta' rikorrenti bagħtet għadd ta' konsenji ta' merkanzija lis-socjeta' intimata għal valur kumplessiv ta' Ewro 96,535.89 (sitta u disgħin elf, ħames mija u ħamsa u tletin ewro u disa u tmenin ċenteżmu) hekk kif muri mill-fatturi annessi u mmarkati* ***Dok. TW1 sa TW4****;*

2. *Illi mill-korrispettiv fuq insemmi, fis-16 ta' Awwissu, 2016 tħallset is-somma ta' €9,227.71 (disat'elef mitejn u seba u għoxrin ewro u wieħed u segħin ċenteżmu) a saldu tal-fattura nru.220 (Dok.TW1);*

3. *Illi bejn Jannar u Marzu tas-sena 2017, is-soċjeta ntimata bagħtet ċekkijiet in saldu tal-ammont rimanenti (**Dok. TW5)**, liema ċekkijiet ma ġewx onorati mill-Bank;*

4. *Illi għalhekk fadal bilanċ ta' Ewro 87,308.18 (seba u tmenin elf, tlitt mija u tminn ewro u tmintax il-ċenteżmu), skont ir-rendikont maħruġ mis-soċjeta' rikorrent (**Dok.TW6**);*

5. *Illi interpellata diversi drabi, inkluz permezz tal-ittra uffiċjali nru. 3249 datata nhar it-30 ta' Jannar, elfejn u tmintax (2018) hawn annessa u mmarkata **Dok. TW7**, is-soċjeta intimata baqgħet inadempjenti.*

   *Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

   *Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qort, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:*

1. *Tiddeċiedi u tiddikjara illi s-soċjeta intimata Steel Structures Ltd (C 4192) hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti għas-somma bilanċjata ta' €87,308.18 (seba u tmenin elf, tlitt mija u tminn ewro u tmintax il-ċenteżmu) rappreżentanti ħlas dovut għal merkanzija konsenjata lis-soċjeta' intimata;*

2. *Tikkundanna lis-soċjeta intimata Steel Structures Limited (C 4192) tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' €87,308.18 (seba u tmenin elf, tlitt mija u tminn ewro u tmintax il-centeżmu);*

*Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali nru. 3249 datata 30 ta' Jannar, elfejn u tmintax (2018), kif ukoll bl-imghax kummerċjali dekorribbli mid-dati tal-iskadenza tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta intimata li r-rapprezentanti tagħha huma minn issa nġunti in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta debitament notifikata bir-rikors ġuramentat u bl-avviż tal-ewwel smiegħ tal-każ baqgħet ma ntavolat ebda risposta u lanqas deher rappreżentant tagħha għas-smiegħ quddiem il-Qorti.

Rat illi l-kawża baqgħet għall-lum għas-sentenza in difett'ostakolo.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjeta' attriċi intavolat il-proċeduri odjerni sabiex titlob il-ħlas tas-somma ta' €87,308.18 allegatament dovuti lilha bħala bilanċ minn somma akbar għal merkanzija li hija kiente baghtet lis-soċjeta' konvenuta, liema ħlas għadu pendenti.

**PROVI**

1. Ġew preżentati:

a. Fattura nru 220 datata 31 ta' Mejju 2016 għall-valur ta' €9,227.71

b. Fattura nru 319 datata 31 ta' Lulju 2016 għall-valur ta' €14,933.06

c. Fattura nru 342 datata 31 ta' Awissu 2016 għall-valur ta' €39,709.30

d. Fattura nru 382 datata 30 ta' Settembru 2016 għall-valur ta' €32, 665.82

e. Kopja ta' ċekkijiet maħruġa mis-soċjeta' konvenuta li ma ġewx onorati mill-Bank

f. *Statement of account*, maħruġ mis-soċjeta' attriċi li fih hemm elenkati l-fatturi, pagamenti u l-bilanċ attwali ta' €87,308.18

g. Kopja tal-ittra uffiċjali datata 30 ta' Jannar 2018

h. Kopja tal-prokura speċjali datata 10 t'April 2018 mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-Avv.Mark Attard Montalto u l-Avv. Mark Sammut

i. Kopja ta' ittra datata 27 ta' Frar 2017 mibgħuta mid-Direttur Maniġerjali tas-soċjeta' konvenuta Kurt Cini lis-soċjeta' attriċi fejn fost affarijiet oħra s-soċjeta' konvenuta kkonfermat il-bilanċ dovut sa dakinhar.

2. Waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2018 il-Qorti semgħet ix-xhieda ġuramentata tal-Avv. Mark Attard Montalto li kkonferma li s-somma mitluba għadha dovuta fl-intier tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti eżaminat il-provi mressqa u ssib li t-talbiet tas-soċjeta' attriċi ġew ben pruvati.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-każ billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif dedotti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta, kif ukoll bl-imghax kummerċjali dekorribbli mid-dati tal-iskadenza tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**